# L-Innu-Marċ brijuż - Regina Dei Carmeli (1959)

Astratt: Dis-sena ddeċidejt li nikteb fuq l-Innu-Marċ brijuż[1] – Reġina Dei Carmeli. L-artiklu huwa maqsum f'żewġ partijiet imdaqqsin, fejn ta' l-ewwel tiddiskuti minfejn setgħet nibtet ir-rabta bejn is-Surmast Anġlu Pullicino u Soċjetà Karmelitana u Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, liema relazzjoni wasslet għall-ħolqien ta' dan l-innu, filwaqt li t-tieni waħda hija ddedikata kollha kemm hi għall-analażi mużikali tal-istess innu. Iżda qabelxejn, tajjeb li nintroduċi l-ħajja tal-Madonna tal-Karmnu.

Kliem muftieħ: Innu-marċ, Regina dei Carmeli, Mro. Angelo Pullicino, Carmelo Galea SDB, Luċjan Pullicino, Elias Tonna, Soċjetà Karmelitana u Banda 'Queen Victoria' Żurrieq, Banda 'San Ġiljan' San Ġiljan.

**Madonna tal-Karmnu** huwa t-titlu lill-Verġni Marija b'rabta mal-patrijiet Karmelitani li għexu bħala eremiti ħdejn l-Għajn ta' Sant' Elija, fuq l-għoljiet tal-Karmel fl-Art Imqaddsa lejn l-aħħar tas-seklu 12. Il-Patrijarka ta' Ġerusalem, San Albert, kitbilhom *Għamla ta' Ħajja*, li aktar tard saret *Regula* u ġabarhom f'komunità. Ir-rabta tal-Karmelitani mal-Verġni Marija bdiet sewwa sew bid-dedikazzjoni tal-kappella li l-aħwa karmelitani kellhom fuq il-Karmel, liema kappella ddedikawha lill-Verġni Omm Alla, għax fiha (u fil-Profeta Elija) raw id-dixxiplu perfett tal-Mulej li jista' jgħinhom fil-mixja tagħhom lejn il-Mulej Ġesù. Bhekk huma bdew jissejħu 'l-Aħwa ta' l-Imqaddsa Verġni Marija ta' l-Għolja tal-Karmel'.

Fil-fehma tiegħi, ir-rabta bejn Anġlu Pullicino u s-Soċjetà Karmelitana u Banda Queen Victoria taż-Żurrieq setgħet nibtet minn waħda, jew aktar, minn dawn l-għejun:

(a) Fl-Istorja tas-Soċjetà Karmelitana u l-Banda Queen Victoria - Żurrieq[2] insibu li 'għall-festi popolari u solenni *ad unur* "N.S. Monte Carmelo" ta' bejn id-19-21 ta' Lulju 1935, ġewwa ż-Żurrieq kienu nġiebu sitt baned' fosthom, il-Banda San Ġiljan A.D. 1927, taħt il-bakketta tas-Surmast Anġlu Pullicino. Hija kienet esegwiet dan il-programm li ġej: "Jolanda" Marcia, "Norma" Sinfonia ta' Bellini, "Ballo in Maschera" Selection ta' Verdi, "Tannhauser" Fantasia ta' Wagner, "Fra Diavolo" Fantasia ta Weber, "The Vanish King" March (awtur mhux magħruf), "Inno Pontificio", "Inno S. Giuliano", u "Dio Salvi il Re".



*Programma Musicale da svolgersi dalla Filarmonica*
**San Giuliano** *nel giorno della Festa, 21 Luglio.*

| | | |
|---|---|---|
| Marcia | JOLANDA | |
| Sinfonia | NORMA | Bellini |
| Selection | BALLO IN MASCHERA | Verdi |
| Fantasia | TANNHAUSER | Wagner |
| Fantasia | FRA DIAVOLO | Weber |
| March | THE VANISH KING | |
| INNO PONTIFICIO | INNO S. GIULIANO – DIO SALVI IL RE | |

A. PULLICINO, Mro. Direttore.




---

[1] L-innu marċ miktub għal kor u banda, li bażikament hu innu di glorja qasir fir-ritmu ta' marċ, jidher li beda voga tant li issa ħafna baned għandhom marċ bħalu. Għaldaqstant huwa mportanti wkoll li wieħed jiddistingwi bejn sempliċi innu u innu-marċ, fejn ta' l-ewwel ikun strofiku u x'aktarx miktub għalbiex jindaqq fil-knejjes, filwaqt li ta' l-aħħar huwa ntiż għalbiex jindaqq minn banda fuq planċier. Madankollu, innu seta' oriġinarjament inkiteb biex jindaqq fil-knejjes u mbagħad l-istess innu spiċċa biex jindaqq ukoll mill-banda ta' dik il-belt jew raħal. (Il-Mużika ta' Malta fis-seklu 19 u 20 ta' Joseph Vella Bondin. Kullana Kulturali 19.)

[2] Ara Website - Storja Soċjetà u Banda – Festa Madonna tal-Karmnu, Żurrieq.

Setgħet kienet dil-okkażjoni li minnha nibtet il-ħbiberija dejjiema bejn Anġlu Pullicino u s-Soċjetà. Tant hu hekk, li minn intervista li kienet saret lill-President Onorarju Anthony Chircop nhar il-Ħadd 1 ta' Settembru 2002 fis-sede tal-Każin joħroġ li kien ilhom jieħdu marċi minn tiegħu sa mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn, bil-marċ 'Unconquered Malta'[3] jkun l-ewwel wieħed li għandhom bl-ismijiet tiegħu. Anki marċi bil-firma u mingħajr isem għandha s-Soċjetà minn tiegħu ta qabel il-Gwerra. Interessanti l-fatt kif il-Banda San Ġiljan kienet ġiet mistiedna biex tieħu sehem fil-festi msemmija meta bilkemm kienet għadha kif twaqqfet fl-1927. Setgħet kienet ukoll il-ħbiberija kbira li kienet teżisti bejnu u bejn is-Surmast Ċikk[4] li wasslet biex dan tal-aħħar jistieden lil Anġlu wil-Banda tiegħu. Nafu li s-Surmast Francesco Bugeja, minħabba r-rabta u l-imħabba kbira li kellu għas-Soċjetà, kien ġie elett Segretarju fil-Kumitat Eżekuttiv fl-1930, u sena biss wara nħatar Assistent Surmast tal-istess Banda. Dan kollu wassal biex fi Frar 1937 il-Banda Queen Victoria tgħaddi taħt id-direzzjoni tiegħu, liema kariga żamm għal 22 sena sħaħ.

Li s-Surmast Ċikk kien riċevitur fil-banka tal-lottu setgħet kienet ukoll l-okkażjoni li laqqgħetu ma' Anġlu. Anthony Chircop, fl-imsemmija ntervista, jirrakkonta kif kien ta' spiss jiltaqa' u jieqaf jitkellem ma' Anġlu l-Belt, meta dan tal-aħħar kien ikun fi triqtu lejn il-banka tal-lottu bil-bagalja f'idu. Kull meta jiltaqa' miegħu, Anġlu kien jgħidlu: "Sejjer il-(banka) tal-lottu", l-istess bħalma kien ikun bil-bagalja s-Surmast Ċikk. Imma skond Luċjan, Anġlu kien jidħol il-Belt bil-bagalja biex imur jixtri l-karti tal-marċi mingħand Carabott!

Jidher ukoll li ż-żewġ surmastrijiet aktarx kienu ta' mpar xulxin tant li f'żgħożithom it-tnejn ġa kienu jdoqqu mal-Banda Ċittadina King's Own, il-wieħed bil-klarinett u l-ieħor bl-ewfonju. It-tnejn kienu jmorru l-lezzjonijiet tat-teorija għand Vincenzo Costa u allura setgħu ltaqgħu hemmhekk ukoll. Mhux l-ewwel darba wkoll li Anġlu tela' jħabbat il-Banda taż-Żurrieq minflok Ċikku x-Xiħ meta dan kien ikun ma jiflaħx. Minn ritratt antik meħud fl-1926, jidher ukoll li Anġlu u Ċikku t-tnejn kienu jdoqqu mal-Orkestra ta' Sant' Andrija li kienet ġiet uffiċjalment imwaqqfa fi ħdan l-Għaqda Sant' Andrija ta' Ħal-Luqa fl-1906. Fir-ritratt, Anġlu jidher l-ewwel wieħed bilwieqfa fuq in-naħa tal-lemin fl-aħħar ringiela, filwaqt li Ċikku jidher bil-kuntrabaxx f'idu fuq in-naħa tax-xellug, eżatt wara l-ieħor tat-timpani.



[3] Dan kien l-aktar marċ li jolqot lis-Surmast Emmanuel Bugeja għax miktub fi stil militari u mibni tajjeb, speċjalment fuq il-baxxi. (Minn intervista li kienet saret lis-Surmast Bugeja fil-1.09.2002)

[4] Mro. Francesco Bugeja, jew kif magħruf aħjar, Bugeja x-xiħ kien is-sitt Direttur tal-Banda Queen Victoria. Studja l-klarinett taħt il-gwida tas-Surmast Carmelo Zammit, u għal xi żmien kien idoqq mal-Banda Ċittadina King's Own tal-Belt. Tgħallem ukoll il-kuntrabaxx taħt is-Surmst Aurelio Doncich u l-armonija għand is-Surmast Vincenzo Costa. Meta s-Surmast Ċikk ma kienx ikun jiflaħ, kien iċempel lil Pullicino biex jiġi jeħodlu ħsieb il-Banda u jħabbat minfloku. Kien bniedem tal-affari tiegħu maħbub u rrispettat minn kulħadd u mużiċist fil-veru sens tal-kelma. U dan ma setax jonqos jekk għal ħafna snin kien idoqq mal-orkestra tat-Teatru Rjal u mal-Banda tal-Malta Royal Artillery.

(b) Għalkemm mhux magħruf meta ġew il-patrijiet Karmelitani f'Malta, id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq hija antika ħafna. Basta ngħidu li, il-Fratellanza f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu twaqqfet fl-1801, u li fl-1842 ħadet ħsieb li takkwista statwa maħduma fl-injam. Ta' kull sena, dil-Fratellanza tieħu ħsieb ukoll iċ-ċelebrazzjonijiet tal-knisja fil-festa *ad unur* il-Madonna tal-Karmnu. Mill-banda l-oħra, ġo San Giljan, fil-bajja ta' Balluta, sa mis-sena 1859 kien hemm knisja ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu li kienet inbniet mill-Fratellanza tal-Karmnu tal-Belt. Fl-1877 il-knisja nbniet mill-ġdid u ngħatat lill-patrijiet tal-Karmnu li reġgħu bnewha fl-1900 u magħha bnew ukoll Kunvent. Il-knisja preżenti (ir-raba' waħda) bdiet tinbena fl-1958 u tlestiet fl-1978. Għal żmien twil, il-Banda San Ġiljan kienet iddoqq fil-festa tal-Karmnu qabel ma din inqatgħet parroċċa għaliha fl-1974. Bhekk qedin naraw li d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu kienet xterdet fiż-żewġt irħula.

Persunaġġ importanti fin-nisġa tal-istorja tagħna huwa ż-Żurrieqi Dun Luret Zammit, saċerdot żelanti, devot kbir tal-Madonna tal-Karmnu, kien dejjem ibierek u jqassam il-labtijiet u jħabrek għall-festa b'kull mod possibbli. Huwa kien inħatar Direttur Spiritwali tas-Soċjetà fl-1934, kariga li hu żamm sa mewtu. Kien bis-saħħa tiegħu, flimkien mas-Segretarju Ċikk Bugeja, li s-Soċjetà rnexxielha takkwista l-Inno Marcia 'Fior del Carmel' tas-Surmast Cardenio Botti. Kien ukoll bis-saħħa tiegħu li l-aħwa Anġlu u Luċjan Pullicino kienu jkunu mistednin għall-festa tal-Karmnu ż-Żurrieq! F'intervista li kienet saritlu, Luċjan jirrakkonta li kien jitla' bil-kassett plejer fuq spalltu għall-marċ ta' filgħodu fejn kienu jagħmlu marċ tal-għaġeb. Jiftakar ukoll lil ċertu wieħed sinjur kbir, imlaqqam in-Niksu, li kien partitarju kbir tal-Banda u li kien jistmagħhom qatigħ. Fil-fatt, il-bandisti żrieraq kollha kienu jħobbuhom lill-aħwa, u lanqas kienu jilħqu jarawhom li ma jiġux jifirħu bihom. Iżid jgħid ukoll li l-innu tgħidx kemm kienu jniggżuhom bih! U f'intervista oħra, Luċjan kellu x'jgħid hekk fuq l-Innu-Marċ – Reġina tal-Karmelu: 'għalija dan l-innu huwa l-isbaħ li Anġlu qatt kiteb, għax minbarra li huwa marċ, huwa wkoll pregjiera.'[5]

Il-persunaġġ l-ieħor mhu ħadd ħlief is-Surmast Anġlu Pullicino nnifsu imlaqqam "Tat-Twajjeb"[6] jew "Ta' l-Umpajs"[7]. Hu kien twieled u trabba f'familja miġbura fejn it-talb jiġi l-ewwel u qabel kollox. Carmen Taylor[8], née Pullicino tiftakar sewwa li mhux l-ewwel darba li ommu Ċikka kienet tiġbor lin-nies madwarha biex jgħidu r-rużarju. Għaliha, z-ziju Anġ' kellu 'karattru tal-ġenn għax l-ewwelnett kien reliġjuż.' Ta' tifla li kienet, meta kienet tistaqsih jekk kellux xi ħajra li jiżżewweġ, hu dejjem kien iweġibha li l-għarusa tiegħu kien diġà sabha – il-mużika! Hi tiftakar tajjeb ukoll li meta zijuha kien jiġi biex jikkomponi, ngħidu aħna l-Innu-Marċ taż-Żurrieq, lilha kien jgħid l-ewwel biex tkantahulu tant li l-kliem kienet isir tafu kważi kollu bl-amment. Hi tgħid li Anġlu 'kien jattendi ħafna għal tal-Karmnu ż-Żurrieq u kien idum sas-sagħtejn u t-tlieta ta' wara nofsinhar jara l-marċ b'dawk it-tfajliet jaqbżu bl-imkatar waqt li jkantaw l-innu tal-Karmelu.'

Kemm Anġlu kien ħafna reliġjuż joħroġ ukoll mill-intervista li kont għamilt lis-Surmast Alfred Dimech (tw. 1931)[9]. Fost il-ħafna aneddoti u stejjer li qalli kien hemm dik ta' meta kien miet ħuh il-kbir, għax meta mar jgħidilhom il-Każin kien bil-viżtu. U l-oħra ta' meta kienet tkun għaddejja xi purċissjoni u xi bandisti żgħażagħ ma kenux iġibu ruħhom kif inhu xieraq, hu kien jirrimarka: "Iwa, għaddej is-Sagrament! X'intom tagħmlu?!" Alfred jiftakar ukoll lil Anġlu jgħid li, meta kien jiġi biex iwassal 'il xi bandisti lura bil-karozzin kienu jgħidu xi żewġ posti rużarju biex it-triq ma jarawhiex twila. Anki qabel ma kienu jiġu biex jibdew il-kunċert (prova): "Ejja

---

[5] Minn intervista lil kienet saret ma' Luciano Pullicino nhar is-Sibt 17.VIII.02 - 9.00-12.00 a.m.
[6] Ħanin, tal-knisja; ta' qalbu f'idu.
[7] Il-laqam għandha konnotazzjonijiet mużikali um (= one) pa(js) (= and). Taħbita (bħal f'semiminima).
[8] Carmen hija l-bint waħdanija ta' Luċjan Pullicino (tw. 1921) li jiġi ħu s-Surmast Anġlu Pullicino. Hija trabbiet tista' tgħid fid-dar ta' zijuha minħabba li kienet tilfet lill-ommha għadha tarbija. L-intervista damet sejra għal madwar tlitt sigħat u kienet saret fir-residenza tagħha stess 26.ix.2006. Għal ħin twil kien ingħaqad magħna wkoll Ġużi Taylor, r-raġel ta' Carmen. Matul l-intervista tqanqlu ħafna memorji sbieħ u oħrajn koroh.
[9] Surmast tal-Banda San Ġiljan bejn is-snin 1970-77. L-intervista saret fir-residenza tiegħu nhar it 29. X .2006.

ħa nibdew. Ejja nroddu s-salib", kien jgħidilhom. Fl-intervista Alfred kien qalli wkoll li lil Anġlu jiftakru jmur s-Salesjani mas-**Sur Karm Galea**, u li mill-ħbiberija ta' bejniethom nibet l-Innu-Marċ Banda San Ġiljan.

(ċ) Il-baħar jgħaqqad u l-art tifred ... Għalkemm iż-Żurrieq u San Ġiljan jinsabu 'l bogħod minn xulxin, it-tnejn igawdu mill-ġmiel naturali li jaf joffri l-baħar kaħlani, u għax mgħammrin bis-sajjieda, it-tnejn huma rħula marittmi. Iż-Żurrieq għandu l-famuża *Blue Grotto* fejn id-dgħajjes jistgħu jidħlu fiha biex jaraw il-ġmiel imlewwen tal-qiegħ, filwaqt li San Ġiljan igawdi minn firxa ta' art twila li ddur dawra sewwa mal-plajja magħmula minn daħliet il-baħar, promontorji u bajjiet. Anke l-mottu rispettiv tagħhom jaqbel: taż-Żurrieq jgħid **Sic a cyaneo aequore** (Mill-Baħar iżraq ismi), u ta' San Ġiljan jgħid **Litoris Aquas Sinuato Margine Cingo** (Bi ħdan l-art indawwar l-ilmijiet tax-xatt). Imma fuq kollox, San Ġiljan huwa magħruf għall-klabbijiet tal-*waterpolo*. Luċjan jirrakkonta li dik il-ħabta li kien inkiteb l-Innu-Marċ tal-Balluta, it-tim tal-*waterpolo* ta' San Ġiljan kien fl-aqwa tiegħu u kien ikaxkar it-tazzi kollha!

Fil-fatt, għalkemm imwieled B'Kara, Anġlu kien iħobb il-baħar daqs ħuta. Imma nerġgħu nħallu lin-neputija tiegħu tirrakkuntalna: 'Min jaf kemm-il darba kien ħadni d-Dragunara. Kont qisni qurdiena fuq dahru għax kont żgħira. U l-malja kienet tal-ġenn! Kont ngħidlu: "Qisek patri!" Għadni niftakraha qisu l-bieraħ għax kienet timpressjonani wisq dik il-malja taz-ziju … bi tliet buttuniet hawn, b'nofs komma u kollox s'hawn, qisha *babygro*. Kien jgħidli: "Imxi Carm." U kien joħroġni 'l barra miegħu għax kien jaf jgħum ħafna … u n-Neptunes ukoll.' Carmen tiftakar ukoll li l-aħwa kienu jmorru jistadu bl-imrejkba n-naħa ta' l-Imġarr għax kienu jħobbu ħafna s-sajd filgħaxija, u z-ziju kien jieħu pjaċir meta jaqbdu xi ħuta kbira u l-qarnit.

(d) Sajjieda Żrieraq u wrieżaq iżarżru … Mill-istess intervista ta' Anthony Chircop jirriżulta li kien hemm għadd ta' bandisti żrieraq li kienu ħbieb sewwa ta' Anġlu, tant li kien anke jeħodhom miegħu għall-festa ta' San Ġiljan. Huma kienu jmorru jdoqqu l-marċ tas-Sibt filgħodu mal-Banda San Ġiljan u jibqgħu hemm sa filgħaxija billi jittrejqu fuq xi ħaġa ta' l-ikel u jieħdu xi għawma tajba wkoll. Meta mbagħad, il-Banda taż-Żurrieq kienet tkun mistiedna biex tmur iddoqq f'lejlet il-festa ta' San Ġiljan, il-bandisti ġiljaniżi kienu jingħaqdu magħha. Fost dawn il-bandisti kien hemm Nenu Caruana ta' Ġakka bil-klarinett (dan kellu ħanut taż-żebgħa fin-naħa t'isfel ta' *Strada San Paolo* u spiss kien imur għand Anġlu biex jikkopja l-marċi għall-Banda taż-Żurrieq), Ninu Ciappara, Pawlu Callus bil-kurunetta, Carmelo Gauci (ta' Kalatu), u Gianni Farrugia u ħuh Ġużeppi Bilocca (tal-Piċa). Anke s-Surmast Emanuel Bugeja kien jinżel bil-baxx in Mi*b* magħhom, u Anġlu kien jitfgħu dejjem fuq quddiem għax kien magħruf għall-varjazzjonijiet li kien jagħmel. Anthony Chircop ukoll, u tgħidx kemm kien jieħu pjaċir idoqq il-klarinett taħt Anġlu għax kien isibu tal-affari tiegħu. Anthony jgħid ukoll li anki meta kien jikkunċerta, Anġlu kellu widna kbira, kien iħoss ħafna. Hu kien jaf jieħu ħsieb 'ill-bandisti billi jdaħħalhom fejn jmisshom, u jekk hemm erba' battuti aspett kont tarah jagħmillek is-sinjal biex tidħol, kif suppost għandu jagħmel wara kollox kull Surmast.

U fost dawn il-ħbieb Anġlu kellu lil Ninu Saliba (Il-Werżieq), partitarju kbir tal-Banda sa minn meta kien għadu tfal. Ninu, li għadu mimli bil-għomor u jgħodd mat-tmenin sena, ma jdoqq l-ebda strument imma xorta waħda jħobbha. Huwa jiftakar, bħala delegat tal-Banda, li kull meta kien jitla' San Ġiljan biex jordna xi marċ mingħand is-Surmast Pullicino, kien isibu dejjem jgħallem lit-tfal fil-Każin jonkella fil-kmajra ta' qrib ir-raba' fejn kien għassies matul il-Gwerra. Il-ħbiberija ta' bejniethom tant kienet kbira li darba Anġlu kitiblu marċ, u peress li Ninu kien jaħdem il-pixkerija, Anġlu ried jiddedikah lis-"Sajjieda Żrieraq". Kien Ninu wkoll li kien ordna biex isir l-Innu-Marċ – Reġina tal-Karmelu, għax għalih, Anġlu kien wieħed mit-tajbin!

Anġlu tant kellu konnessjoni qawwija mal-Każin tal-Karmnu, li saħansitra fis-sittinijiet tas-seklu għoxrin ġieli kien iħabbat kull meta s-Surmast Emmanuel Bugeja kien ikun imsiefer fuq xogħol mal-Banda tal-RMA l-Ġermanja. 'Il Anġlu kienu ġabuh minn darba sa darbtejn biex iħabbat għall-festa tal-Karmnu kemm dam imsiefer is-surmast Buġeja. Anġlu kien jiġi jagħmel il-kunċerti (provi) u jidderieġi l-banda ukoll.

Għoġbitni l-osservazzjoni li kien għamel fl-2001 Raymond Schembri mill-Kummissjoni Banda meta qal li: 'Il-ġibda li kellu Anġlu lejn ir-raħal taż-Żurrieq hija ġejja mill-ħbiberija li dejjem kellu ma' wħud mill-bandisti tal-lokal. L-isem tal-marċ "Combined" twieled minn dil-ħbiberija speċjali fis-sens, li l-bandisti żrieraq kienu jmorru ddoqqu San Ġiljan, fl-stess mentri li l-Banda taż-Żurrieq kienet tkun mistiedna biex iddoqq lejlet il-festa ta' San Ġiljan. Forsi għalhekk ukoll f'dak is-sens hemm ir-rabta ma' San Ġiljan.'

<u>Min kiteb il-versi tal-Innu-Marċ?</u>

Luċjan Pullicino (tw. 1921) huwa awtur ta' diversi xogħlijiet għall-palk u versi fosthom, l-Innu-Marċ Banda San Ġiljan (1952), Innu-Marċ Banda Annunzjata ta' Ħal Tarxien, Tifħir lil San Ġiljan, Bandiera Belġjana (li qabel kien jismu 'Victory Parade'), Balluta March (1967), u t-tlitt innijiet bil-kant għad-dramm 'Il-Leġġenda ta' San Ġiljan'. L-Innu-Marċ – Reġina tal-Karmelu, madandkollu, għal dawn is-snin kollha, u forsi bi żvista wkoll, ġie mis-attribwit lilu. Minnu li l-aħwa Pullicino kienu jingwalawha ħafna bejniethom u dejjem fil-kumpanija ta' xulxin kull fejn kienu jmorru, u wieħed seta' faċilment jiġi għall-konklużjoni li la Anġlu kkompona l-mużika, Luċjan, awtomatikament, bilfors li kiteb il-versi. Madankollu, il-verità hija li l-versi huma ta' Carmelo Galea SDB – l-istess awtur li kiteb il-versi tal-Innu-Marċ Banda San Ġiljan. Anġlu u Carmelo kienu ħbieb ta' xulxin u kienu jmorru flimkien is-Sależjani ta' Tas-Sliema. Hawn taħt qed inġib kopja tal-innu li tinsab fl-arkivju personali tiegħi (dak iż-żmien magħmula bit-tajprajter, bl-għeltijiet b'kollox) fejn tgħid ċar u tond li l-versi huma tal-awtur fuq imsemmi.


INNU MARCH LILL MADONNA TAL-KARMNU
VERSI TA'..........CARMELO GALEA S.D.A.
MUSICA "...........MRO ANGELO PULLICINO
((((()))))

I. Madonna tal-Karmnu
Int fjur l-aktar sabieh
B'hal vjola w il-Gilju
U lfwicha tan-naghnieh
Int ragg niezel mis-sema
Illi jdawwal din l-art
Bil f'wicha helwa Tieghek
Tar-ruh tfejjaq kull mard

2Dak l-abtu Madonnina
Fuq qalbna Inti poggieh
Sabiex ma tul hajjitna
Insibu il-mistrieh
Bil l-abtu fuq sidirna
B'hal Xmuni ferhanin
Fuq l-ghadu minn ta' ruhna
Nohorgu ferhanin

3. O helwa Madonnina
Ta' qlubna Int Regina
Inti tassew hanina
O helwa Madonnina
Ta' qlubna Int hanina
Inti tassew hanina
Ave ....Marija
Ave....Marija

4 O helwa Madonnina
Ta' qlubna Int Regina
Inti tassew hanina
O helwa Madonna
Ta' qlubna Int hanina
Inti tassew hanina
Ave....Marija
Ave....Marija

5. Bill l-abtu li Int tajtni
Ghamiltni Int werriet
Ta' gid illi jiftehli
Il- bieb min tas-smewwiet
Dejjem fuq qalbi rridu
Ma sidri jkun maghfus
Sabiex min nar ta' dejjem
Jiena nigi mehlus



Innu bil-versi ta' Carmelo Galea SDB


**Lill-Madonna tal-Karmnu**

Madonna tal-Karmnu
Int fjur l-aktar sabieħ
Bħal vjola u l-ġilju
B'kuruna rand ġo fih
Int l-Omm ta' min ħalaqna
Meqjuma kullimkien
Tal-Martri Int Reġina
Sultana tal-Ħolqien.
Fix-xahar sabiħ ta' Lulju
Lilek niffestiġġjaw
Bħal ħafna bliet u rħula
Għalik jiċċelebraw.
Illum f'dil festa għażiża
Ilkoll hawn miġburin
Nagħtuk kull ġieh u qima
Nkantawlek ferħanin.
O Helwa Madoninna
Ta' qlubna Int Reġina
Inti tassew ħanina.
Ave ........................... Marija
Int Ommna tal-Karmelu
Uliedek nitolbuk
Sabiex tidħol għalina
U dejjem inħobbuk.
Aħna l-Karmelitani
Lesti u magħqudin
Biex fis-siegħa tal-prova
Noħorġu rebbħin.

Mużika — Mro. A. Pullicino

Innu bil-versi ta' Elias Tonna

Għaldaqstant, xieraq issa li nintroduċielkom lill-awtur tal-versi: Carmelo Galea SDB (16.8.1890-29.7.1973): **Awtur ta' diversi xogħlijiet tal-palk, kif ukoll ta' poeżiji bil-Malti**, imwieled B'Kara ġie Tas-Sliema fl-1910 fejn daħal Aspirant mas-Sależjani f'St. Patrick's. Għamel xi snin barra għan-Novizzjat u l-Ewwel Professjoni, u mill-1933 'il quddiem insibuh jgħix dejjem fl-Oratorju San Alfons f'Tas-Sliema sakemm miet 40 sena wara. 'Is-Sur Galea', kif kien magħruf minkejja li kien Sależjan, kien għal diversi snin responsabbli mill-produzzjonijiet teatrali li sikwit kienu jittellgħu f'dan l-Oratorju mill'Għaqda Filodrammatika San Ġinesju'. Barra milli kiteb u dderieġa bosta, ġieli rreċta fihom ukoll. Il-ħsieb ewlieni fil-kitbiet kollha tiegħu u l-wirjiet teatrali li kienu tant għal qalbu kien jagħmilhom biex ixerred il-valuri nsara fost il-mijiet ta' dawk li jiffrekwentaw it-teatru tas-Sależjani. (Rif.: M.J.S. Biog. P. 287; I.N. 16.8,2002, p. 22 minn Raymond Miceli.)[10] Fid-daħla għall-ktieb tiegħu 'Kitarristi u Għannejja Maltin'[11] l-awtur jgħid li kiteb 'il fuq minn 100 biċċa xogħol għall-palk, u li minnhom ippubblika 10 kotba. Max-xogħol tal-palk ħabb ukoll il-poeżija għalkemm jistqarr li qatt ma kellu 'pinna tad-deheb għaliha'. Għaldaqstant, hu jgħodd ruħu 'bħala l-iċken poeta malti'.

Fl-1989 inħass il-bżonn li jinbidel il-kliem tista' tgħid kollu tal-innu, ħlief għall-ħames strofa. Dan sar minn Elias Tonna (30.10.32-9.10.2002), bandist mal-Banda Queen Victoria. Huwa tgħallem għand is-Surmast Francesco Bugeja u ħareġ idoqq is-Sax Horn għall-ewwel darba fil-festa ta' San Ġużepp fl-1949. Aktar tard imbagħad, kompla bl-*Althorn* u bil-*Percussion*. Kien idoqq ukoll fil-banda tat-Tarzna, fil-banda tal-Malta Labour Party, u fil-Banda Filarmonica La Valette bħala katubier. Bħala *fitter afloat* fil-Malta Drydocks, kien ukoll il-moħħ biex inħadem il-ħadid ta' sett leġiji ġodda għall-provi tal-istess Banda.[12]

## L-Innu-Marċ tal-Karmelu Analiżi dettaljata




Għalkemm fil-pussess tiegħi għandi l-biċċa l-kbira tal-partituri oriġinali tax-xogħlijiet tas-Surmast Anġlu Pullicino, l-Innu-Marċ – Reġina tal-Karmelu ma stajt insibu b'xejn, lanqas taħżiża waħda minkejja l-ħafna karti b'uħud miktubin bil-linka jew bil-lapis, oħrajn imħarbxin b'xi marċi mibdijin u oħrajn mhux mitmuma. Imma,

[10] Profili Bijografiċi ta' Slimiżi magħrufin u ta' xi oħrajn b'rabta ma' Tas-Sliema ta' Raniero Zammit OFM.CAP – pg. 199-200.

[11] Mitbugħ fis-Salesian Press, St. Patrick's Sliema (1970).

[12] Tagħrif meħud minn Artiklu ta' Alfred Camilleri – Apprezzament - Il-Bandist Elia Tonna (1932-2002) li deher f'paġni 51 u 53 tal-Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu 2003, u minn artiklu ieħor li jġib l-isem ta' 50 Sena Bandist – Elia Tonna li deher fil-Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu 1999 f'paġna 65.

grazzi għall-kopja tal-partitura tal-Innu-Marċ, li tinsab fl-arkivju u proprjetà assoluta tal-Banda "Queen Victoria" taż-Żurrieq, stajt nagħmel din l-analiżi dettaljata li ġejja.

Struttura (Qafas)

Qabelxejn, l-Innu-Marċ Reġina tal-Karmelu jista' jinqasam fi tliet taqsimiet kbar ABĊ. Kull taqsima mbagħad, terġa' tinqasam f'taqsimiet oħrajn iżgħar:

| Taqsima | Battuti | Rimarki |
|---|---|---|
| **A** | | Tonalità[13] = Si bemoll maġġuri |
| Introduzzjoni | 1-16$^1$ | Ftuħ f'forma fanfar(r)eska |
| L-ewwel replika[14] | 16$^2$-48 [49$^1$] | L-ewwel wit-tieni strofa |
| **B** | | |
| Passaġġ tan-nofs | 49$^2$-81$^1$ | Forma ta' interludju[15] |
| Fanfar(r)a[16] ta' qabel Triju[17] | 81$^2$-89$^1$ | |
| **Ċ** | | Tonalità = Mi *b* maġġuri (sotto-dominanti) |
| Introduzzjoni għat-Triju | 90-93$^1$ | |
| Triju | 93$^2$-177$^1$ [179$^1$] | Forma ternarja[18] |
| Kif jinqasam it-Triju biex joqgħod tajjeb għall-versi tal-awtur: | | |
| a | 93$^2$-125$^1$ | 32 battuta li jkopru t-tielet wir-raba' strofa |
| b | 125$^2$-145$^1$ | Strofa 5 ta' tlitt ivrus (x 2) + Ave Maria |
| a | 145$^2$-177$^1$ [179$^1$] | 32 battuta li jkopru s-sitt wis-seba' strofa |

Introduzzjoni – fanfar(r)a (b. 1-16$^1$)

[13] It-ton jew tonalità huwa l-bażi ta' kull biċċa mużika. Il-kwalità tat-ton jista' jitqassam fi 15-il wieħed maġġuri u fi 15-il wieħed minuri. Biex wieħed jagħraf jekk it-ton (tonalità) ta' biċċa mużika jkunx maġġuri jew minuri irid isib il-ħames nota tat-ton (dominanti) u jara jekk ikunx fiha aċċident; jekk din tkun immarkata, it-ton ikun minuri, jekk le, allura jkun wieħed maġġuri.
[14] Ir-replika tintwera b'sinjali apposta magħmul minn żewġ stangetti (barlines) || segwiti minn żewġ punti bejn il-linji. Din isservi biex tirreplika n-noti kollha jew il-battuti li jkunu magħluqin bejn dawn is-sinjali.
[15] Biċċa mużika li tindaqq bejn bċejjeċ ta' kompożizijonijiet oħra, bħal f'passaġġ tal-orgni bejn versi ta' xi innu, li fil-każ tagħna huwa dak il-passaġġ tan-nofs li jiġi bejn l-ewwel replika u t-triju.
[16] Fanfara hija biċċa mużika qasira tinstama' sewwa li normalment jdoqqu t-trumbetti f'xi parata militari.
[17] Triju = terzett, jew mużika/kant miktub għal tliet strumenti/kantanti.
[18] Forma ternarja hija dik il-forma fi tliet taqsimiet fejn it-tielet waħda hija repetizzjoni (eżatta jew viċin) tal-ewwel waħda. Dil-forma hija ppreżentata bħala aba (jekk l-ewwel u t-tielet taqsima huma l-istess f'kollox) jew ABA$^1$ (jekk it-tielet taqsima tkun xi ftit jew wisq differenti mill-ewwel waħda).

Ħafna huma l-marċi ta' Pullicino li jibdew b'fanfar(r)a fuq ir-ram doċli li jinkludu kurunetti, korni in Mi*b* u *althorns* biss għall-akkumpanjament ta' tanbur. Eżempji hemm bl-għexieren, imma hawnhekk ser inġibu biss tnejn: Tifħir lil San Ġiljan (1952) u Balluta March (1967), it-tnejn fuq versi ta' Luċjan Pullicino. Wieħed malajr jinnota li hemm xebh qawwi bejniethom, mhux biss għax it-tlieta għandhom l-istess tonalità (in Si*b* maġġuri), imma wkoll għall-mod illi bih jiftħu – dan huwa wieħed mit-*trademarks* ta' Pullicino:




Intant, l-introduzzjoni fiha 16-il battuta li tinqasam f'erba' frażijiet ta' erba' battuti l-waħda. Hawn taħt insibu l-anteċedent (b. 1-8), sub-diviż f'żewġ frażijiet indaqs. Fih naraw li l-melodija prinċipali (li l-pont ċentrali tagħha huwa n-nota tonika – SI*b*) qegħda f'idejn il-kurunetti primi u l-korni *in unisono* imma ottava tagħthom. Interessanti wkoll wieħed jinnota li l-*Althorns* huma minċottjati tajjeb billi ngħatatilhom in-nota medjanti (RE) li hija t-tieni nota mportanti fi trijadi. Bhekk, in-nisġa mużikali hija waħda omoġena kemm jista' jkun. Dettal ieħor huwa is-sinkopé fit-tieni wir-raba' battuta fejn in-nota taħbat b'mod illi nofs il-valur tagħha jaqa' fuq il-parti forti u bin-nofs l-ieħor fuq id-deboli. Is-sinkopé nerġgħu niltaqgħu miegħu fl-interludju (b. $49^2$-$81^1$). L-anteċedent jagħlaq b'kadenza imperfetta[19] (I-V):




Il-konsegwent (b. 9-$16^1$) ukoll fih tminn battuti, bl-ewwel erba' jkunu identiċi għall-ewwel frażi tal-anteċedent. Id-differenza qegħda fir-raba' u l-aħħar frażi (b. 13-$16^1$) li tagħlaq b'kadenza perfetta (V-I):




L-ewwel replika (b. $16^2$ - $48^1$ [$49^1$])

[19] Kadenza mperfetta hija magħmula minn progressjoni ta' kordi li jġibu frażi mużikali fit-tmiem mhux magħluq.

Peress li taqsima A fiha biss l-ewwel żewġ strofi minn tal-poeżija, il-kompożitur ħass il-bżonn li dawn jiġu imtennija għall-istess ġid strutturali tal-Innu-Marċ fil-forma sħiħa tiegħu, u bhekk seta' jinħoloq aktar bilanċ bejn dit-taqsima u t-Triju. Hekk mela:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| TAQSIMA A | 16 [fanfar(r)a] + | 32 x 2 = 64 [l-ewwel replika] | Total ta' 80 | battuta |
| TAQSIMA B | 32 [Interludju] + | 8 [fanfar(r)a] | Total ta' 40 | battuta |
| TAQSIMA Ċ | 4 [Daħla] + | [32 + 20 (Ave Maria) + 32] x2 | Total ta' 172 | battuta |

Meta niġu biex nanalizzaw l-ewwel replika nsibu li din tista' tittieħed bħala sentenza sħiħa ta' 32 battuta, magħmula minn erba' frażijiet ta' tmien battuti l-waħda, fejn kull waħda minnhom tkopri żewġt ivrus minn tal-poeżija. Armonikament, l-anteċedent għandu mill-ftuħ tal-fanfar(r)a l-għaliex jagħmel użu biss mill-korda (trijadi) tat-tonika. Innota ukoll l-element tan-nofs kwart aspett li bih tispiċċa kull frażi; dan l-istess element jispikka wkoll fil-melodija tat-triju.

L-ewwel frażi (b. $16^2 – 24^1$) = 2 + 2 + 4




F'battuta 22 imbagħad, għandna sitwazzjoni fejn il-kompożitur xtaq iqiegħed in-nona (SOL) u l-undiċeżima (SI*b*) fil-melodija fuq il-korda tas-settima dominanti (V7), jiġifieri, FA – LA – DO – Mi*b* – SOL (9) – SI*b* (11). Dan, filwaqt li l-melodija tista' toqgħod tajjeb fuq korda simili, xorta ma tistax tqiegħed l-undiċeżima (SI*b*) flimkien mat-terza (LA) fl-akkumpanjament (ara korni in Mi*b* u trumbuni) minħabba l-fatt li jkollok dissonanza semitonali. Jekk il-kompożitur xtaq iżżomm in-noti msemmija fil-melodija, seta' jekk ried, jew (a) uża l-korda tad-dominanti biż-żieda tal-kwinta u s-settima biss (V7[5]) mingħajr ma jdaħħal it-terza, jonkella (b) ħoloq passaġġ ċkejken modulatorju fil-konsegwent u l-frażi setgħet tagħlaq xorta waħda fuq kadenza miftuħa kif ġej:




Seta' kien il-każ ukoll, li l-kompożitur ħass li modulazzjoni hawnhekk hija wisq prematura, u għaldaqstant ried jirriservaha għal aktar tard. Fuq nota differenti, tajjeb wieħed jinnota wkoll l-użu tal-intervall[20] tat-terza minuri fil-melodija (x) – liema karatteristika tibqa' tintuża fil-frażijiet li jiġu wara.

It-tieni frażi (b.$24^2 – 32^1$) = 2 + 2 + 4

[20] Intervall hija d-distanza li jkun hemm bejn nota u oħra. Din tista' titkejjel billi permezz tal-gradi tgħodd minn isfel għal fuq. Dawk l-intervalli li ma jissuperawx l-ottava jissejħu **sempliċi**, u dawk li jissuperawha jissejħu **komposti**.




It-tieni frażi hija wkoll sentenza ta' tminn battuti, bl-anteċedent sub-diviż f'żewġ frażijiet indaqs. Dil-frażi tinqeda mill-marċ tal-kwinti (LA – RE – SOL – DO – FA) għalbiex timmodula lejn id-dominanti (V) - FA maġġuri, u bhekk toħloq kandenza miftuħa.

It-tielet frażi (b. $32^2$ – $40^1$) = 4 + 4




It-tielet sentenza did-darba tinqasam f'żewġ frażijiet daqsinsew, il-waħda mifruda mill-oħra permezz tan-nofs kwart aspett. F'dik li hi melodija mbagħad, il-kompożitur qed iżid in-nona (SOL) mas-settima dominanti FA – LA – DO – Mi*b* f'battuti 34 u 38 rispettivament. Rigward armonizzazzjoni, il-korda tas-settima dominanti fl-ewwel inverżjoni (V7b) fit-tieni semimina ta' battuta 36, suppost li kellha tiġbed lejn Do minuri, imma minflok ġibdet lejn il-korda dominanti ta' SI*b* maġġuri. Jista' jagħti l-każ li dan l-akkordju qed jieħu post b'xi mod lis-sesta awmentata, bis-SI naturali tispiċċa isfel – liema akkordju s-soltu jintuża bħala *twist* lejn tmiem xi kadenza. Il-kompożitur seta' wkoll jevita din l-inċertezza billi joħloq progressjoni fejn jistma' lil FA u lil LA (x) bħala appoġġjaturi[21] kif imfisser fl-eżempju li ġej:




Ir-raba' frażi (b. $40^2$ – $48^1$ [$49^1$]) = 4 + 4

---

[21] Abbelliment fil-mużika li meta titqiegħed grad fuq jew taħt in-nota, din ġeneralment tieħu nofs il-valur tan-nota li tiġi warajha.




Dil-frażi aħħarija hija ntiża biex tagħlaq l-ewwel taqsima, u għadaqstant magħha trid iġġorr ir-responsabbiltà ta' dan l-inkarigu. Fiha naraw żewġ modulazzjonijiet[22] - l-ewwel waħda lejn is-sotto-dominanti (VI) f'battuta 41, u l-oħra lejn id-dominanti (V) f'battuta 45. Importanti wkoll li dil-frażi tagħlaq fuq it-tonika, kif fil-fatt tagħmel, permezz ta' kadenza perfetta (V7-I). Naraw ukoll li l-użu tal-intervall tat-terza minuri (x) huwa wieħed abbundanti fil-melodija. Il-FA# f'battuta 42 mhi xejn għajr nota awżiljari, filwaqt li d-DO fl-istess battuta tikkonsisti fis-sesta miżjuda tal-korda tas-sotto-dominanti – Mi*b* – Sol – Si*b* – Do.

Interludju (b. $49^{2}$-$81^{1}$)

Dan il-passaġġ tan-nofs, għalkemm ma jimmodulax u jibqa' fit-tonalità ta' SI*b* maġġuri, huwa allegruż u joffri kuntrast. Fih 32 battuta u jinqasam f'erba' frażijiet mużikali ta' tminn battuti l-waħda kif ġej:

(a) b. $49^{2}$-$57^{1}$ (*forte*) + (b) b. $57^{2}$-$65^{1}$ (*pianissimo*) + (a) b. $65^{2}$-$73^{1}$ (*forte*) + (ċ) b. $73^{2}$-$81^{1}$ (*mezzo forte*)

L-ewwel frażi mużikali (b. $49^{2}$-$57^{1}$):




Il-ftuħ tagħha, u tal-oħrajn li jiġu warajha, jfakkarna wisq fl-innu bil-kant 'It-tħabbira taċ-ċerv lil Ġiljan'[23]




It-tieni frażi mużikali (b. $57^{2}$-$65^{1}$):

---

[22] Mogħdija minn kjavi għal oħra.

[23] Anġlu Pullicino kien ikkompona tliet innijiet bil-kant għad-dramm 'Il-Leġġenda ta' San Ġiljan' fuq versi ta' ħuh Luċjan, li kien ittella' mill-kumpanija teatrali 'St. Julians Dramatic Company' fi ħdan l-Azzjoni Kattolika. Il-kumpanija teatrali, li kienet iddur Malta kollha, kellha truppa ta' madwar 50 ruħ fosthom atturi magħrufin bħal mhuma Johnnie Navarro, Charles Abela Mizzi, Scalpello, u Grupetta. Dawn it-tliet innijiet bil-kant setgħu jinġabru billi l-ewwel il-kant mhux akkumpanjat ta' Luċjan ġie irrekordjat fuq *cassette recorder,* biex bhekk is-Surmast Manoel Pirotta seta' jniżżilhom fuq il-karta tal-mużika u jimmużikahom billi jsawwar madwarhom armonija kemm jista' jkun sempliċi, imma li fl-istess waqt tippermettilu jagħtihom bixra aktar attraenti u moderna. Ix-xogħlijiet f'dil-forma ġdida ndaqqew għall-ewwel darba f'dil-forma f'Serata Mużikali li ttellgħet apposta fis-sala tal-Każin Banda San Ġiljan nhar is-27 ta' Jannar 2010 f'jum il-festa liturġika tal-qaddis.




Hawn nixtieq naċċenna fuq żewġ għodod mużikali partikolari: (a) in-nota mibdula (*nota cambiata*), dik li bl-ingliż insibuha bħala *changing note* jew *exchanged note*, u li hi utli ħafna fil-kontrapunt. Din tikkonsisti f'nota 'żejda', jew aktar, u li ma tiffurmax parti mill-armonija. Bħala eżempju, nieħdu l-erba' noti li għandna fil-kaxxa li minnhom, is-SOL u s-SI*b* huma t-tnejn noti mibdulin, bil-qabża ta' bejniethom tkun il-karatteristika ewlenija; (b) l-użu tan-noti miżjudin kemm fil-korda tat-tonika (I) kif ukoll f'tad-dominanti (V) - jekk qedin in SI*b* maġġuri, is-SOL tiġi is-sesta fil-korda tat-tonika, u n-nona f'dik tad-dominanti (ara battuti 59 u 62). [Għal kuntrarju, is-SOL fit-tieni taħbita ta' battuta 63 mhix nota miżjuda, imma tifforma biss parti sħiħa mit-trijadi tas-sotto-medjanti (VI).] L-istess jista' jingħad għar-RE li tiġi s-sesta fil-korda tad-domananti (ara battuta 52). Dawn in-noti miżjudin jgħinu qatigħ għalbiex jgħanu l-linja melodika.

B'rabta wkoll mat-tieni frażi mużikali xtaqt nieħu spunt ieħor validu. Wieħed ma jistax ma jinnotax li din hija bħal donnu d-diwi jew l-eku tal-oħra li ġiet qabilha peress li hija mmarkata *pianissimo*. Din it-teknika nsibuha f'ħafna xogħlijiet Barokki fejn spiss niltaqgħu ma' bċejjeċ għall-orgni fejn id-daqq qawwi tiegħu jaħbat mal-erbat irkejjen tal-imqades tagħna. L-eku jinsab ukoll, anke jekk xi ftit jew wisq imrikkeb, fl-akkumpanjament tal-*althorns* u l-ewfonji kull meta jidħlu bil-kontro-melodija. Nistgħu ngħidu wkoll li, l-interludju għandu mill-antifona għax it-tieni wir-raba' frażijiet donnhom bħall-kongregazzjoni, qedin iwieġbu lill-kantur meta jintona l-kant fiż-żewġ frażijiet identiċi l-oħra.

It-tielet frażi mużikali (b. $65^{2}$-$73^{1}$) hija fil-fatt identika għall-ewwel waħda ($49^{2}$-$57^{1}$), filwaqt li r-raba' waħda ($73^{2}$-$81^{1}$) tagħlaq dit-taqsima fuq il-korda tat-tonika. Tajjeb wieħed jinnota hawnhekk, li f'din tal-aħħar hawn element, anki jekk ċkejken, ta' kromatiċità, kemm fil-melodija (il-Fa# f'battuta 75, li mhi xejn għajr nota awżiljari), kif ukoll fl-armonija bil-preżenza tas-settima diminwita (tieni semiminima f'battuta 78).




Din it-taqsima tagħlaq b'fanfar(r)a ($81^{2}$-$89^{1}$) fuq ir-ram doċli (Kurunetti, Korni in Mi*b*, u *Althorns*), u msejsa fuq dik l-oħra tal-ftuħ, imma did-darba mingħajr l-akkumpanjament tat-tanbur, u mwieġba biss mill-banda kollha lejn l-aħħar żewġ battuti tagħha. Dan il-passaġġ, li għandu forma ta' ħnejja, bħal donnu qed iħabbar il-miġja tat-Triju.

It-Triju (b. $93^{2}$-$177^{1}$ [$179^{1}$])

Kif ġa spjegajna aktar 'il fuq, it-triju jiftaħ b'introduzzjoni qsajra u sempliċi aktarx fuq ir-ram il-baxx (*Althorn*, Ewfonju, Baxx) u mmarkata *forte* (90-$93^{1}$) li permezz tagħha tiġi stabbilita t-tonalità l-ġdida fis-sotto-dominanti, jiġifieri in Mi*b* maġġuri. Minn hemm, il-kompożitur imur mill-ewwel biex jimmużika mit-tielet sas-seba' strofa minn tal-innu kif ġej: (a) it-tielet wir-raba' strofa (b. $93^{2}$-$125^{1}$), (b) Strofa ħamsa (b. $125^{2}$-$145^{1}$), u (a) is-sitt wis-seba' strofa (b. $145^{2}$-$177^{1}$ [$179^{1}$]). Il-kollox huwa replikat.

Taqsima (a) (b. $93^2$-$125^1$) immarkata *pianissimo*, hi ffurmata minn żewġ sentenzi ta' 16-il battuta l-waħda li jkopru t-tielet wir-raba' strofa rispettivament. Hawnhekk se nisiltu biss l-anteċedent tal-ewwel sentenza biex nuru li mill-kisra tagħha, il-melodija għandha mill-għanja l-oħra tant popolari – 'l-Ave ta' Lourdes'.




Mhux b'kumbinazzjoni lanqas, li din l-ewwel sentenza mużikali tat-triju tiftaħ bil-vers tant importanti, "Fix-xahar sabiħ ta' Lulju …". Għalkemm dettal ċkejken, niġbed l-attenzjoni wkoll fuq l-ewwel semiminima f'battuta nru. 95 (x), fejn l-kompożitur seta' faċilment jitratta l-LA bemoll bħala nota awżilarji biss minflok aċċentwaha bl-akkordju tas-sotto-dominanti (IV) fl-ewwel inverżjoni.

Intant, il-konsegwent (b. $101^2$-$109^1$), li jiftaħ bl-istess erba' battuti minn tal-anteċedent, jimmodula lejn id-dominanti (V). Min-naħa tagħha, it-tieni sentenza (b. $109^2$-$125^1$) ukoll iżżomm milli timraħ wisq u tmur u tagħlaq fuq in-nota tonika (MI*b*). U hawn niġu għal taqsima (b) (b. $125^2$-$145^1$) li hija mużikalment l-aktar parti nteressanti tat-triju fejn fiha għandna t-tlitt ivrus imtennija tal-ħames strofa, u segwiti mit-tislima tant għażiża tal-*Ave Maria*. Hawn ma jistax wieħed ma jerġax iġib eżempju mużikali ieħor biex juri kif il-kompożitur għamel użu mill-ġdid mill-għanja tal-*Ave Maria* ta' Lourdes biex seta' bena melodija fanfar(r)eska akkumpanjata tista' tgħid mill-kurunetti weħidhom:




Hawnhekk, il-kompożitur qed jinqeda bis-SOL bħala nota fus għax hi tista' tkun fl-istess waqt il-medjanti għat-trijadi toniku ta' MI*b* maġġuri (MI*b* –**SOL** – SI*b*) u t-tonika għat-trijadi toniku ta' SOL minuri (**SOL** – SI*b* – RE). Dal-passaġġ, immarkat *piano*, għandu ħafna minn passaġġ ieħor simili li nsibu fil-Balluta March:




Il-frażi mużikali l-oħra (b. $133^2$-$141^1$) tibni fuq l-istess motif marjan f'forma ta' tweġiba u tmur u tagħlaq fuq in-nota dominanti ta' MI*b* Maġġuri. Il-kurunetti soli jiġu għal darb'oħra mwiegħba b'passaġġ *forte* mill-banda kollha. L-erba' battuti tal-*Ave Maria* (b. $141^2$-$145^1$) huma l-qofol tat-triju u għaldaqstant joffru l-klajmaks meħtieġ. Taqsima (ċ) (b. $145^2$-$177^1$ [$179^1$]) hija mużikalment identika għal taqsima (a).

Nagħlaq dan l-artiklu billi nikkwota lis-Surmast Emanuel Bugeja (1923-2009) għax kien proprju hu li żanżnu meta laħaq Surmast tal-Banda fl-1959: 'L-Innu-Marċ - Reġina tal-Karmelu huwa wieħed sempliċi, u fi stil popolari minn kull lat - armonija, melodija. U aktar kemm l-oġġett ikun sempliċi, aktar jindaqq irpużat.'

**Maestro Manoel Pirotta** twieled in-Naxxar fl-1962. Tgħallem il-klarinett u ngħaqad mal-Banda Ċittadina King's Own ta' 12-il sena. Studja għand il-kompożitur prolifiku Carmelo Pace. Kiseb ħames *fellowships* u midalja tad-deheb fil-kompożizzjoni (1995), u l-orkestrazzjoni (1996), u *certificated and registered teacher* (1999) mill-VCM li tiegħu huwa membru onorarju. Iggradwa *masters* mill-konservatorju nazzjonali superjuri ta' Lyon fi Franza. Fultajm lekċerer fil-*Univeristy of Malta Junior College*, Msida fejn jgħallem il-programm tal-mużika tal-MATSEC fil-livell avvanzat u dak intermedju. Nominat *International Muscian of the Year* mir-*Research and Advisory Board of the International Biographical Centre*, Cambridge (2003). Fundatur u direttur tal-*Catholic Institute Orchestra* (1987-9), u l-Orkestra Żgħażagħ Maltin (1994-6), kif ukoll tal-*Euro Academy Youth Orchestra* (2002-8). Ilu jmexxi l-*University Junior College Orchestra* sa mill-1998. Għandu xogħlijietu ppubblikati f'antoloġiji mużikali, oħrajn jinsabu fuq CDs, u oħrajn indaqqew f'pajjiżi Ewropej. Rebbieħ ta' għadd ta' gari mużikali fosthom, għall-aħjar marċ brijuż imniedi mis-*Società Filarmonica Nazionale La Valette* f'għeluq il-125 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Ingħata l-*Grand Prix des Arts* għall-kompożizzjoni u direzzjoni mużikali fil-*Malta International Art Biennale* (2007). Inħatar Surmast tal-Banda San Ġiljan (2008). Mexxa b'suċċess kbir il-25 edizzjoni tal-Kunċert Sinfoniku mniedi mill-Għaqda Każini tal-Banda fit-Teatru Manoel nhar il-Ħadd 7 ta' Novembru 2010.